 

## Għand l-Aġent tal-Propjetà

***L-għan:*** L-istudenti jirrevedu vokabolarju relatat mal-propjetà billi jaqraw il-konverżazzjoni u jwieġbu l-mistoqsijiet sabiex juru l-fehim tagħhom.

***L-istruzzjoni:*** L-istudenti jingħataw din il-karta u se jkollhom iċ-ċans jaqrawha u jwieġbu l-mistoqsijiet li jakkumpanjawha.

# Għand l-Aġent tal-Propjetà

***Aqra dan id-djalogu mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.***



Sara u Steve qegħdin għand aġenzija għax jixtiequ jixtru propjetà.

**Ir-Rappreżentanta:** Bonġu! Kif nista' ngħinkom?

**Sara:** Bonġu! Aħna nixtiequ nixtru propjetà li tiswa madwar €240,000.

**Ir-Rappreżentanta:** Kollox sew mhux problema! Fejn tixtiequ toqogħdu?

**Steve:** Il-Mosta, in-Naxxar jew il-Mellieħa.

**Ir-Rappreżentanta:** F'dawk l-irħula għandkom żewġ għażliet. Għandna appartament li jiswa €155,000 fi Triq il-Kbira, il-Mosta u għandna dar ta' żewġ sulari li tiswa €250,000 fi Triq is-Siġar, il-Mellieħa. In-Naxxar ma nsibux propjetà b'dak il-prezz għaliex li għandna kollha jaqbżu t-€300,000.

**Sara:** Tista' tgħidilna kif inhuma mqassmin dawn il-propjetajiet?

**Ir-Rappreżentanta:** L-appartament fih żewġ kmamar tas-sodda, kamra tal-banju, studju, gallarija u terrazzin. Id-dar, għalkemm mhix kbira wisq fiha tliet kmamar tas-sodda, żewġ kmamar tal-banju, ġnien żgħir, garaxx u l-bejt.

**Steve:** Tajjeb ħafna. L-appartament f'liema sular qiegħed?

**Ir-Rappreżentanta:** Fit-tieni sular però m'hemmx lift u jkollkom tużaw it-taraġ. Għandkom aċċess anke għall-bejt biex tkunu tistgħu tonxru. Fuq il-bejt ma tistgħux tagħmlu barbijkus.

**Steve:** Id-dar tal-Mellieħa tinteressana ħafna għax fiha dak kollu li xtaqna. Meta nistgħu mmorru narawha?

**Ir-Rappreżentanta:** Nistgħu mmorru għada fid-9.00 ta' filgħodu jekk tajjeb għalikom. Fil-każ, ejjew hawn ħalli mmorru flimkien.

**Sara:** Grazzi. Niltaqgħu għada mela.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**



1. Fejn marru Steve u Sara?

   ☐ Għand tal-merċa.

   ☐ Għand aġenzija tal-propjetà.

   ☐ Għand il-ħbieb tagħhom.

2. Kemm jixtiequ jonfqu flus Steve u Sara?

   ☐ Bejn €225,000 u €250,000

   ☐ Inqas minn €240,000

   ☐ Aktar €240,000

3. Fejn lesti jikkonsidraw li jmorru joqogħdu?

   ☐ Il-Mosta, in-Naxxar u l-Mistra

   ☐ In-Naxxar, il-Magħtab u l-Mosta

   ☐ Il-Mellieħa, in-Naxxar u l-Mosta



4. Liema binja tiswa l-iktar?

   ☐ L-appartament

   ☐ Id-dar

5. Kemm jiswa l-appartament u fejn qiegħed?

______________________________________________________________________________

6. Xi kmamar għandu l-appartament?

______________________________________________________________________________

7. Xi tqassim għandha aktar id-dar mill-appartament?

______________________________________________________________________________

8. F'liema sular jinsab l-appartament u kif tista' tasal għalih?

______________________________________________________________________________

9. X'restrizzjoni hemm fuq l-użu tal-bejt marbuta mal-appartament?

_______________________________________________________________________________

10. Għaliex ir-rappreżentanta tal-aġenzija tal-propjetà ma kellhiex propjetà fil-lokalità tan-Naxxar adattata għal dawn ix-xerrejja?

_______________________________________________________________________________

11. Liema propjetà għoġbithom l-iktar lil Steve u Sara?

_______________________________________________________________________________

12. Fi xħin hu l-appuntament biex imorru jaraw id-dar tal-Mellieħa?

_______________________________________________________________________________

13. Kieku inti liema propjetà tagħżel u għaliex?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

14. Liema lokalità fil-gżejjer Maltin togħġbok l-aktar biex tgħix fiha u għaliex?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

15. Kieku kellek tixtri propjetà liema jkunu l-ogħla tliet prijoritajiet tiegħek?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

